

Konsegwentement, ir-Renju Unit jitlob l-annullament tad-deċiżjoni minħabba li ġiet adottata fuq bażi legali żbaljata, u dan jimplika li huwa ġie mċaħħad mid-drittijiet tiegħu mogħtija mill-Protokoll Nru 21.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/407/UE, tas-6 ta' Ġunju 2011, dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness VI (Sigurtà Soċjali) u l-Protokoll 37 mal-Ftehim taż-ŻEE, ĠU L 182, p. 12.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Justice (Chancery Division) (ir-Renju Unit) fis-26 ta' Awwissu 2011 — Novartis AG vs Actavis UK Ltd

(Kawża C-442/11)

(2011/C 311/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

High Court of Justice (Chancery Division)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Novartis AG

Konvenuta: Actavis UK Ltd

Domandi preliminari

Fejn ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari jingħata lil prodott kif iddefinit mir-Regolament (KE) Nru 469/2009 ⁽¹⁾ għal ingredjent attiv, id-drittijiet mogħtija minn dan iċ-ċertifikat skont l-Artikolu 5 tar-Regolament fir-rigward tas-suġġett tal-protezzjoni kif ddefinit mill-Artikolu 4 tar-Regolament huma miksura:

- (i) minn prodott mediċinali li jkun fih dak l-ingredjent attiv (f'dan il-każ valsartan) b'kombinazzjoni ma' wieħed jew aktar ingredjenti attivi oħra (f'dan il-każ hydrochlorothiazide); jew
- (ii) biss minn prodott mediċinali li jkun fih dak l-ingredjent attiv (f'dan il-każ valsartan) bħala l-uniku ingredjent attiv?

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Mejju 2009, dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali (ĠU L 152, p. 1)

Appell ippreżentat fit-30 ta' Awwissu 2011 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla Estiża) fis-16 ta' Ġunju 2011, fil-Kawża T-196/06, Edison vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-446/11 P)

(2011/C 311/45)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci u V. Bottka, aġenti)

Parti oħra fil-kawża: Edison SpA

Talbiet tal-appellanti

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla Estiża) tas-16 ta' Ġunju 2011, innotifikata lill-Kummissjoni fl-20 ta' Ġunju 2011;

— tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex isir eżami mill-ġdid;

— tirriżerva d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż sostnuti fiż-żewġ istanzi;

— f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tista' tagħti deċiżjoni fuq il-mertu, tiċħad ir-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza u tikkundanna lil Edison SpA għall-ispejjeż sostnuti fiż-żewġ istanzi.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn ta' dan l-appell, l-appellanti tinwoka erba' aggravji.

(i) Il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 253 KE, flimkien mal-Artikolu 81 KE, billi ddeterminat b'mod żbaljat is-suġġett u l-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tal-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għal ksur tal-Artikolu 81 KE lill-kumpannija li hija propretarja 100 % tal-kapital tal-kumpannija li tipparteċipa direttament fil-ksur, li hija attribuzzjoni bbażata fuq preżunzjoni li għandha tiġi kkonfutata b'mod adegwat. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-kuntest u r-regoli ġuridiċi li jirregolaw dan il-qasam, jiġifieri l-oneru tal-prova li jaqa' fuq l-appellanti. B'mod żbaljat, hija imponiet fuq il-Kummissjoni obbligu ta' motivazzjoni fid-dawl ta' argumenti "mhux nieqsa minn sinjifikat", mingħajr ma eżiġiet, kif kellha tagħmel, li tali argumenti kellhom ikunu xierqa sabiex jikkonfutaw il-preżunzjoni tar-responsabbiltà tal-kumpannija li għandha kontroll.

(ii) Sussidjarjament, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikoli 230 u 253 KE billi waslet għall-konklużjoni li d-deċiżjoni ma tinkludix motivazzjoni suffiċjenti. Minn naħa waħda, hija wettqet żball ta' liġi fil-qari tad-deċiżjoni kkontestata, billi naqset milli teżamina numru ta' paragrafi rilevanti. Min-naħa l-oħra, hija kkonfondiet kwistjonijiet ta' fatt u kwistjonijiet fuq il-mertu meta rrifjutata li tikkunsidra spjegazzjonijiet ipprovduti fid-deċiżjoni appellata, kemm peress li ddeċidiet li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, u kemm peress li ddikjarat li tali spjegazzjonijiet ma kinux konvinċenti.

- (iii) Il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikoli 230 u 253 KE flimkien mal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni relatati mad-dritt tad-difiża u mal-prinċipju tal-kontradittorju quddiem il-qrati tal-Unjoni. Fil-fatt, hija ddikjarat b'mod żbaljat li l-Kummissjoni ma setgħetx tipprevalixxi ruħha minn argumenti li ma ssem-mewx fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jew li ma ġewx invokati fid-deċiżjoni sabiex jirribattu l-argumenti tar-rikorrenti intiżi sabiex jikkonfutaw il-preżunzjoni tar-responsabilità tal-kumpannija li għandha kontroll. Dan jgħodd b'mod partikolari, bħal f'dan il-każ, fir-rigward ta' dokumenti invokati mir-rikorrenti, jew li hija kellha konossenza tagħhom u ma setgħetx tinjora r-riskju li l-Kummissjoni teħodhom inkunsiderazzjoni bħala prova kontra tagħha, jew meta mid-dokumenti fil-kawża hija setgħet b'mod raġjonevoli tiddeduċi l-konklużjonijiet li l-Kummissjoni kienet sejra tasal għalihom.
- (iv) Il-Qorti Ġenerali kisret id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikoli 230, 231 u 253 KE, billi ddeċidiet b'mod żbaljat li kellha tannualla d-deċiżjoni kkontestata minħabba nuqqas ta' motivazzjoni anki meta s-soluzzjoni pprovduta minnha kienet korretta fil-mertu.

Appell ippreżentat fil-31 ta' Awwissu 2011 minn Caffaro Srl taħt amministrazzjoni straordinarja (li kienet Caffaro Srl) kontra s-senenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla Estiża) tas-16 ta' Ġunju 2011, fil-Kawża T-192/06, Caffaro vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-447/11 P)

(2011/C 311/46)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellanti: Caffaro Srl, taħt amministrazzjoni straordinarja (li kienet Caffaro Srl) (rappreżentanti: A. Santa Maria, B. Biscaretti di Cuffia u E. Gambaro, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-senenza u, għaldaqstant, tiddikjara n-nullità tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 1766 finali, tat-3 ta' Mejju 2006, sa fejn timponi fuq Caffaro S.r.l., flimkien u *in solidum* ma' SNIA S.p.A., multa ta' EUR 1 078 miljun jew, sussidjarjament,
- tannulla s-senenza u, konsegwentement, id-deċiżjoni sa fejn tikkonċerna l-partijiet li jirrigwardaw l-aggravji ta' dan l-appell li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tqis fondati;

- sussidjarjament, tiddetermina mill-ġdid, billi tnaqqasha għal ammont simboliku jew billi tnaqqasha sostanzjalment, il-multa imposta fuq l-appellanti, fid-dawl tal-aggravji u tal-punti ta' fatt invokati f'dan l-appell;
- iktar sussidjarjament, tirrinviya l-kawża lill-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni ġdida skont indikazzjonijiet u kriterji li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tipprovdi f'dawn il-proċeduri ta' appell;
- fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Aggravji u argumenti prinċipali

Permezz tal-ewwel aggravju, Caffaro tallega ksur tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 23(2) u (3) tar-Regolament (KE) 1/2003 ⁽¹⁾ u tal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi ⁽²⁾, klassifikazzjoni legali żbaljata, żnaturament tal-fatti u ta' ċerti provi, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni kif ukoll nuqqas u kontradizzjoni tal-motivazzjoni fil-parti tas-sentenza li fiha l-Qorti Ġenerali naqset milli tqis bħala rilevanti l-istat ta' dipendenza ekonomika ta' Caffaro fis-suq ikkonċernat u d-dannu subit minnha speċifikament minħabba l-kartell.

Permezz tat-tieni aggravju, Caffaro tallega li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' trattament ugwali kif ukoll l-Artikolu 23(2) u (3) tar-Regolament (KE) 1/2003 u l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi, fir-rigward tas-sena ta' riferiment meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni inkonnessjoni ma' l-hekk imsemmi trattament differenzjat. B'mod partikolari, l-allegazzjoni tirrigwarda l-attribuzzjoni lill-parteċipanti kollha fl-allegat ksur (ħliet Caffaro)) tal-ishma tas-suq għas-sena 1999.

Permezz tat-tielet aggravju, l-appellanti tilmenta li l-Qorti Ġenerali żbaljat fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' effett, fuq it-tul attribwit lil Caffaro, tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-appellanti fil-kuntatti illegali tas-26 Novembru 1998. B'mod partikolari, Caffaro tallega ksur tal-Artikolu 23(2) u (3) tar-Regolament (KE) 1/2003 u tal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi fir-rigward tat-tul, nuqqas ta' motivazzjoni, evalwazzjoni żbaljata tal-fatti u ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

Permezz tar-raba' aggravju, li jirrigwarda l-iskadenza tal-preskrizzjoni u t-tardività tal-azzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-appellanti, Caffaro tallega applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) 1/2003, żnaturament u klassifikazzjoni legali żbaljata tal-fatti, użu ħażin ta' poter, ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE, ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha kif ukoll nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza. B'mod partikolari, Caffaro tilmenta li l-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx in-nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal sena, wara l-att li jinterrompi l-preskrizzjoni, qabel ma bagħtet lill-appellanti talba għal informazzjoni, mingħajr ma wettqet ebda investigazzjoni u mingħajr ma pprovdiet ebda motivazzjoni espressa.